**Laqgħa Numru 71**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**19 ta'Jannar 2018**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex fil-4.30 ta' filgħaxija. Il-laqgħa bdiet fil-4.10pm wara li għal-laqgħa pubbika ħadd m'attenda.

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

Hubert Saliba - Kunsillier

Jeanelle Attard -Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

George Zammit -Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**71.1 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji;**

71.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji mill-Kunsilliera.

**71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

71.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 70 li saru nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju.

**71.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

71.3.1 Is-Sindku kkomunika li l-proġett tal-Kunsill il-Ġdid kien qed jarah mixi wisq bil-mod u dan wara li d-designer imqabbad mill-Kunsill, Paul Stellini, baqa' ma tax lil Kunsill l-*ispecifications* ta' l-għamara biex ikun jista' joħroġ it-tender. Is-Sindku xtaq li l-proċess jitgħaġġel biex b'hekk il-Kunsill il-Ġdid ikun jista' jiġi inagurat April 2018. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard u Hubert Saliba ma qablux ma' dan u rrimarkaw li l-Kunsill għandu jimxi ma' dak stipulat mil-liġi. Il-membri preżenti finalment qablu li t-tender għall-għamara kellhu joħroġ minnufih.

71.3.2 Is-Sindku nforma lil membri tal-Kunsill preżenti li ġie avviċinat mis-Sur Joseph Attard, is-segretarju tal-klabb tal-football Xewkija Tigers, biex il-kunsill jikkolloborra fil-proġett tal-bini tal-gym u s-sala. B'hekk il-Kunsill ikun jista' jagħmel użu kemm mill-gym kif ukoll mis-sala. Il-membri preżenti unanimament qablu ma' dan.

**71.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

71.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet dwar meta kellha ssir il-laqgħa rigward l-open gym u kif din kienet ser isir fil-Kunsill u mhux fl-iskola fejn kien importanti li tattendi ukoll il-kap ta' l-iskola. Is-Sindku nforma lil membri kollha tal-Kunsill li din kella ssir fit-30 ta' Jannar 2018 u fuq talba tad-Direttur stess din kellha ssir fil-Kunsill. Is-Sindku rrefera ukoll li għalkemm il-proġett ser isir fl-iskola primarja tax-Xewkija xorta din taqa' taħt l-Education.

71.4.2 Il-Kunsillier Hubert Saliba saqsa jekk il-proġett taz-zuntier fejn kien se jsir *store* taħt z-zuntier kienx se jsir waqt li jikun għaddej il-proġett ta' tisbiħ fuq il-pjazza. Dan il-proġett għandu jsir min-naħa tal-Knisja. Is-Sindku kkomunika li hu ma kellhu l-ebda informazzjoni li kien se jinqala' z-zuntier u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv kellha tiċċekja ma' l-Arċipriet biex tara jekk dan il-proġett hux ħa jsir u jekk fl-affirmattiv meta.

71.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qajmet il-punt kif meta għandna cleaner full-time taħt l-iskema CWSC allokata mal-Kunsill, il-Kunsill għadu jqabbad lis-Sinjura Jacqueline Refalo biex tnaddaf il-Kunsill u Librerija. Wara diskussjoni mill-membri tal-Kunsill kien deċiż li wara li kienet inġibdet l-attenzjoni min-naħa ta' l-awdituri, s-Segretarju Ezekuttiv kellha titlob fiscal receipts lil cleaner għas-servizz provdut mill-istess cleaner.

71.4.4 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab biex tinġibed l-attenzjoni lil kuntrattur tal-knis fit-toroq rigward il-ħmieġ u ħaxix ħażin li hawn fit-toroq. Il-membri preżenti unanimament qablu li s-servizz provdut m'huwiex wieħed li jilħaq il-livell mistenni. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet li mmedjatament għandna nieħdu l-parir min-naħa tad-Dipartiment biex naraw jekk hux possibli tinħareġ tender mill-ġdid hekk kif l-appell minn Nicholas Zammit għadu ma nqatax.

71.4.6 Il-Kunsillier Hubert Saliba kkomunika li kien qed tinħoloq konġezzjoni tat-traffiku fi Triq Jean De La Valette hekk kif kienu qed jiġu pparkjati trailers mat-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tinforma lil awtoritajiet konċernati minnufih.

71.4.7 Il-kunsillier Domenic Zerafa talab biex jintbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill biex jinqata' l-weraq tal-bajtra li hemm fi Triq San Duminiku peress li l-bankina fl-istess triq mhux qed tkun tista' tintuża min-nies mixja.

71.4.8 Il-kunsillier Hubert Saliba ssuġġerriexxa li Triq Il-Knisja isir ukoll mill-porfido hekk kif hemm maħsub li ssir il-pjazza. Il-membri preżenti qablu li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tkellem lil Perit biex jagħtina stima

**71.5 Rapport: Approvazzjoni tar-Rapport tal-Bord tal-Għażla għall-Ħatra ta' l-Uffiċjal Eżekuttiv**

71.5.1 Il-membri preżenti unanimament approvaw ir-rapport tal-Bord tal-Għażla għall-Ħatra ta' l-Uffiċjal Eżekuttiv mal-Kunsill Lokali. Fid-dawl ta' dan ir-rapport, is-Sur Chrismar Xuereb kien qed jiġi maħtur Uffiċjal Eżekuttiv mal-Kunsill.

**71.6 Rapport: Approvazzjoni tal-Quartely Report- Lulju-Settembru**

71.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat il-quartely report għall-perjodu ta' Lulju sa Settembru 2017. Hi ġibdet għall-attenzjoni tal-membri li l-figuri m'humiex indikativi wisq għall-għeluq tas-sena hekk kif f'Diċembru kienu nqatgħu il-kontijiet pendenti ma' GV Development Co Ltd kif ukoll l-ispejjeż legali marbuta ma' dan il-każ.

**71.7 L-Evaluation Report tat-Tender tar-Resurfacing ta' Santa Teodora**

71.7.1 Rapport ta' Evalwazzjoni għall-offerta "*Resurfacing of Part of Triq Santa Teodora*". Il-Kunsilliera approvaw ir-rapport tal-bord ta' evalwazzjoni.

**71.8 Karnival 2018**

71.8.1 Is-Sindku kkomunika li għall-Karnival jixtieq li jitqabbad preżentatur prominenti. Il-membri preżenti qablu li s-Segretarju Eżekuttiv kellha tikkuntatja lil Joe Demicoli minnufih. Is-Segretarju Eżekuttiv li ħafna mix-xogħol relata ma' dan l-avveniment kien lest u li kien hemm rispons tajjeb min-naħa tal-kumpaniji taż-żfin.

71.8.2 Il-membri tal-Kunsill iddiskutew li l-Kunsill kellhu jipprovdu *folk band* għall-jiem tal-Karnival biex idoqqu fil-bars u restaurant tal-lokalita'. Il-membri unanimament qablu li l-ispejjeż ma jaqbzux il-€150 għal kull bar.

**71.9 Performance Bonus 2017- ta' l-Aġenti Segretarji Eżekuttivi**

71.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet il-performance bonus appraisal ta' l-aġenti segretarji, Odette Camilleri u Ivan Attard. Il-membri tal-Kunsill qablu li l-*performance bonus* ta' Odette Camilleri kellhu jkun 5% waqt li l-performance bonus ta' Ivan Attard kellhu jkun 10%.

**71.10 Proġetti 2018**

71.10.1 Is-Sindku kkomunika li kien attenda għal-laqgħa li saret ma' Johann Buttigieg tal-Planning Authority fid-9 ta' Jannar 2018 flimkien mal-Perit Edward Scerri rigward il-proġett maħsub fi Ġnien Blankas fejn il-ħsieb hu li jsri *Open Park* ta' l-Annimali. Il-Kunsillier Hubert Saliba sostna li jħoss li huwa inġust li parti mill-Ġnien jingħata lil barranin ċioe' xi ħadd mhux mix-Xewkija biex juża l-ġnien għat-tjur li għandu. L-istess kunsillier sostna li jħossu li hu biss numru u li l-membri tal-Kunsill kellhom jiġu konsultati aħjar rigward dan il-proġett maħsub. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard sostniet li hi tħossha l-istess. Is-Sindku kkomunika li fil-laqgħa li saret fis-17 ta' Novembru, 2017 il-kunsilliera preżenti unanimament qablu ma' dan il-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv intalbet taqra l-minuti tal-laqgħa ta' Novembru. Is-Sindku stqarr li f'dan l-istadju l-Kunsill għandu bżonn il-*go ahead* tal-Planning Authority biex ikun jista' jkompli fuq dan il-proġett.

71.10.2 Is-Sindku stqarr li jrid jiġi deċisiv jekk hux ħa jsir il-culvert fi Triq Il-Knisja wara li tqajmet il-problema ta' l-ilma fil-laqgħa ta' konsultazzjoni li saret rigward it-tisbiħ tall-pjazza. L-ispejjeż involuti jrid iħallashom il-kunsill peress li l-culvert ma ġiex ikkunsidrat meta ngħatat l-għajnuna min-naħa tal-Ministeru t'Għawdex. L-Assistent Direttur Lorry Apap fi ħdan il-Minsiteru t'Għawdex kellhu jiċċekjaja jekk il-culvert li hemm Triq il-Ħamrija ma' Triq Santa Katerina hux funzjonabli. Il-Perit Shawn Micallef għandu jagħmel stima fuq il-culvert biex b'hekk isir sejħa ghall-tender waħda li tkun tkopri x-xogħol kollhu.

**71.11 Librerija- Opening Hours**

71.11.2 Is-Sindku kkomunika mal-membri preżenti li kien ġie avviċinat mil-librara Monica Mercieca biex din iżid is-siegħat tagħha fil-Librerija. Il-membri unanimament qablu li r-residenti tax-Xewkija jistgħu jigwadanjaw aktar jekk il-ħinijiet jiġu estiżi b'erba' siegħat min-naħa tal-Kunsill.

**71.12 Korrispondenza u Materji Oħra**

71.12.1 Korrispondenza mill-LCA rigward il-possibilita' ta' ġemelaġġ mal-villaġġ ta' Edea fl-Isvezzja. Il-membri tal-kunsill innota l-kontenut.

71.12.2 Korrispondenza mill-MCVs rigward l-inizjattiva ta' laqgħat ma' l-Ghaqdiet Volontarji 2018 ġewwa l-lokalita' tax-Xewkija.

71.12.3 Imejl minn Anna Vella fejn infurmat li ġie depożitat l-ewwwel "tranche" ta' l-allokazzjoni u hemm imniżżel it-tnaqqis dovut għas-servizz tal-MITA.

71.12.4 CIR 002/2018- Viżibilita lil Kunsill Lokali fuq PBS. Il-Kunsill għandhom jimlew ir-reġistrazzjoni sal-24 ta' Jannar2018.

71.12.5 Imejl mingħand Jean Paul Cefai tat-Transport Malta bil-pjanti tal-immarkar tat-Triq Torri Tingi wara li din ġiet mitluba mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.

71.12.6 Korrispondenza rigward korsijiet li l-Isptar Ġenerali se jtella' rigward saħħa mentali.

71.12.7 Korrispondenza mis- Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun t'Għawdex rigwardi it-Tlestija tal-Proġetti relatati mal-Inizjattiva Finanzjarja-Għoti mill-ġdid ta' Tarmak lil Toroq fir-responsabbilita' tal-Kunsilli Lokali.

71.12.8 Korrispondenza mill-Assistent Direttur Lorry Apap rigward l-għajnuna li għandha tingħata għall-ispejjeż ta' l-Storm Water Culverts fi Triq San Bert.

71.12.9 Ċirkulari 1/2018- Inizjattiva-Kors fil-Kitba bil-Malti (Livell 5- MQF): Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti (*Certificate in Proofreading Maltese)*

71.12.10 Imejl mill-Ministeru t'Għawdex rigward skart mormi fejn il-factories biex titnaddaf. Peress li din ma tappartjeniex lil Kunsill, il-ħaddiema ma jistgħux jintbagħtu f'propjeta' li ma tappartjenix lil Kunsill.

71.12.11 Imejl mir-Reġjun Għawdex rigward sessjoni ta' tagħrif dwar *Malta IntelligenEnergy Management Agency (MIEMA).*

71.12.12 Talba mill-Gaulitana Festival biex il-Kunsill jikkaloborra għall-kunċert fuq l-orgni l-ġdid tal-knisja maħsub li jittella fit-13 t'April 2018 fis-7.30pm.

71.12.13 Korrispondenza relatata mal-*Workshop* li se jsir nhar il-Ġimgħa 19 ta' Jannar 2018 *"New Finance Alliance Retreat"* mill-MIEMA.

71.12.14 Imejl mis-Sur Budnic tal-WSC rigward il-pagamenti pendenti lil Gatt Group.

71.12.15 Imejl mis-Sur Michael Cohen rigward il-proġett ta' infurzar permezz ta' *Clamping and Towing* fu vetturi fuq pjanċi barranin.

71.12.16 Ċir AKL 2018/003- *Call for the Town Twinning Action Between Turkey and the EU Grant Scheme*

71.12.17 Korrispondenza mill-Planning Authority dwar il-bilanċ tal-UIF.

71.12.18 Imejl b'suġġeriment għall-Proġett ta' Tisbiħ lil Pjazza minn Dr Michael Galea u s-Sinjura Frankline Zammit Galea

71.12.19 Korrispondenza mil-Lands Authority tikkonferma li l-Applikazzjoni għall-Ġnien Blankas waslet għand din l-Awtorita.'

71.12.20 Minuti ta' l-aħħar Laqgħa tas-Sindki li saret fil-Grand Hotel, Mġarr Għawdex, il-Ġimgħa 15 u s-Sibt 16 ta' Diċembru 2017.

71.12.21 Korrispondenza mis-Sra Mariella Bugeja fejn qiegħda tinforma lil Kunsill li t-transfer tas-Sur Johnny Vella ġie rriversjat u mit-12 ta' Jannar 2018 kellhu jirraporta lura fil-Cultural Section fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

71.12.22 Cirkulari AKL 2018/001- Group Health Policy Renewal.

71.12.23 Talba minn Emanuel Debrincat ta' 13, Triq San Ġuzepp biex isir double line faċċata tal-garaxx ta' l-istess residenza. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq lil Transport Malta.

71.12.24Talba minn Maria Attard, għall-Double Line faċċata tal-garaxx ta' Battista Court sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jużaw il-garaxx mingħajr ostakli. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq lil Transport Malta.

71.12.25 Talba mis-Sur Lorry Zammit ta' Serenity, Triq Santa Marija biex isir double line faċċata tal-garaxx tiegħu peress li ma jkunx jista' jidħol fil-garaxx. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq lil Transport Malta.

71.12.26 Talba mis-Sur Raymond Mercieaca biex isir double line fil-kantuniera bejn Triq Santa Katerina u Triq Ħamsin. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titressaq lil Transport Malta.

71.12.27 Is-Sur John Vella ta' 55, Mater Dolorosa, Triq 27 ta' Novembru 1678 talab double line faċċata tal-garaxx ta' l-istess residenza għax mhux qed ikun jista' juża l-garaxx.

Fuq l-istess post is-Sur Mario Zammit qed jitlob li dan id-double isir imbasta li d-double line preżenti jiqsaru skond dak stipulat mill-liġi għax qed jgħid li dawn itawwlu bla permess u li s-sign stop tittranġa għax mhux qiegħda kif suppost. Il-Kunsill qabel li għandna nħallu għad-diskrezzjoni ta' Transport Malta biex tiddeċiedi hi.

71.12.28 Is-Sinjura Carmen Cassar ta' 34, Triq Ħaġret L-Armi qed titlob double line faċċata tal-garaxx tagħha għax ma tkunx tista' tuża l-garaxx. Id-double line għandu jiġi quddiem mgħoddija li bħalissa qed jingħalaq l-aċċess tagħha. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li s-Sinjura Eileen Mercieca ta' l-istess triq ilemntat li d-double line ġie miżbugħ mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill/TM u għalhekk għandu jitneħħa minnufih. Il-Kunsill qabel li t-talba għandi titressaq quddiem Transport Malta.

71.12.29 Talba mis-Sinjorina Dorianne Cassar biex isir ħaddieda mal-bankina peress li din qed titkisser minn lifters li jiġu wżati fl-istess triq. Il-membri tal-Kunsill qablu li din hi kontra l-liġi u ma tistax isir.

71.12.30 Talba mis-Sur Mario Grima biex isir shifting tal-bozoz bin-numru 350 u 351 fi Triq L-Għarus peress li ħa jwaqqa' post. Il-membri unanimament qablu li jmexxu din it-talba minnufih.

71.12.31 Talba mis-Sur Noel Pisani rigward Traffic Management fir Triq it-Taflija. Is-Segretrarju Eżekuttiv ħadet nota biex tibgħat minnufih lil MIP għax din it-triq taqa' taħt ir-responsabilita' tagħhom.

71.12.32 Talbet mil-Kunsilliera Jeanelle Attard biex il-Kunsill jiċċekja jekk il-ħajt ta' l-isqaq Daħla Toni Camilleri jistax minn dublu jiġix singlu. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota ta' dan.

71.12.33 Talba mill-Kunsilliera Jeanelle Attard biex isir mera fi Triq Il-Ħamrija, biswit fejn qed ikun hemm il-gabbana armata. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

**71.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

71.13.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**71.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

71.14.1Il-laqgħa ntemmet fis-7.45pm. Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Frar fl-4.30pm.

Konfermati, illum 16 ta' Frar 2018

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |